



Brussell, 10 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14972/19

HYBRID 56	EDUC 478
DISINFO 18	AUDIO 118
AG 68	DIGIT 179
PE 257	INF 332
DATAPROTECT 300	COSI 252
JAI 1307	CSDP/PSDC 575
CYBER 328	COPS 360
JAIEX 177	POLMIL 129
FREMP 176	IPCR 23
RELEX 1147	PROCIV 100
CULT 141	CSC 294

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Sforzi komplementari għat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu - Konklużjonijiet tal-Kunsill (10 ta' Diċembru 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Sforzi komplementari għat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu adottati fit-3739 laqgħa tal-Kunsill fl-10 ta' Diċembru 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar sforzi komplementari għat-Tisħiħ tar-Reżiljenza u l-Għieda Kontra t-Theddid Ibridu

1. Il-Kunsill ifakkar fil-Konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill Ewropew¹ u tal-Kunsill² u jesprimi l-impenn kontinwu tiegħu biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha għal theddid ibridu multidimensjonali u li dejjem jevolvi u tittejjeb il-kooperazzjoni biex dan it-theddid jiġi identifikat, evitat u miġġieled.
2. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-progress li sar fuq l-implimentazzjoni tal-Qafas Konġunt biex jiġi Miġġieled it-Theddid Ibridu (2016) u l-Komunikazzjoni Konġunta biex Inżidu r-Reżiljenza u Nsaħħu l-Kapaċitajiet biex Nindirizzaw it-Theddidiet Ibridi (2018), kif ukoll il-Pjan ta' Azzjoni kontra d-Diżinformazzjoni (2018), skont il-Konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill.
3. Ir-responsabbiltà primarja biex jiġi miġġieled it-theddid ibridu qiegħda f'idejn l-Istati Membri. L-isforzi fil-livell tal-UE huma ta' natura komplementari u mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà esklużiva tal-Istati Membri fi kwistjonijiet ta' sigurtà nazzjonali. Huwa meħtieġ approċċ komprensiv, ta' gvern sħiħ u ta' soċjetà sħiħa għas-sigurtà biex jiġi indirizzat it-theddid ibridu, li jaħdem fis-setturi ta' politika rilevanti kollha b'mod aktar strateġiku, koordinat u koerenti. Huwa importanti li jiġi segwit approċċ ta' gvern sħiħ u li dan jiġi applikat ukoll fil-livell tal-UE.
4. F'dawn il-Konklużjonijiet, il-Kunsill jistabbilixxi prijoritajiet dwar il-protezzjoni tas-soċjetajiet, iċ-ċittadini u l-libertajiet tagħna u s-sigurtà tal-Unjoni tagħna kontra theddid ibridu fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Aġenda Strateġika l-għdida għall-2019-2024, billi jippromwovi approċċ komprensiv għas-sigurtà b'koordinazzjoni, riżorsi u kapaċitajiet teknoloġiċi aħjar, li jibni fuq il-ħidma importanti li saret diġà f'setturi ta' politika differenti, inkluż bħala parti mill-kooperazzjoni fl-oqsma tas-sigurtà u d-difiża tal-UE.

¹ B'mod partikolari, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2019, Marzu 2019, Diċembru 2018, Ottubru 2018, Ġunju 2018, Marzu 2018, Ġunju 2015 u Marzu 2015

² B'mod partikolari, ST 10048/19, ST 6573/1/19 REV1, ST 10255/19, ST 12836/19, ST 7928/16

5. L-isforzi biex l-istituzzjonijiet demokratiċi tagħna jiġu protetti minn theddid ibridu jridu dejjem jirrispettaw id-drittijiet fundamentali, inkluż il-protezzjoni tad-data personali, il-libertà ta' espressjoni u informazzjoni u l-libertà ta' assoċjazzjoni, kif inkorporati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

6. L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom ikomplu jiżviluppaw, iħarrġu u jeżerċitaw il-kapaċitajiet li jidentifikaw, janalizzaw is-sorsi u jirreaġixxu għal attivitajiet ta' theddid ibridu u jappoġġaw it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-Istati Membri tagħha u tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE għal theddid ibridu fuq perijodu twil ta' żmien, filwaqt li jisfruttaw kemm jistgħu l-istrumenti eżistenti mfassla għal dak l-għan. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġi aġġornat il-protokoll operazzjonali tal-UE għall-ġlieda kontra t-theddud ibridu abbażi tat-tagħlimiet identifikati u miksuba minn eżerċizzji preċedenti.

7. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa kontinwa li jkun hemm kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħan-NU, l-OSKE u l-Kunsill tal-Ewropa u formati bħall-G7 sabiex jiġi difiż l-ordni globali bbażat fuq ir-regoli, anki fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-theddud ibridu, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-fiduċja u miżuri rilevanti oħra.

8. Il-Kunsill jenfasizza l-impenn tal-UE biex jitkomplew il-kooperazzjoni mill-qrib u ta' tisħiħ reċiproku u l-appoġġ lill-pajjiżi sħab rilevanti kollha, b'mod partikolari fil-viċinat tal-UE, dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza u l-ġlieda kontra t-theddud ibridu.

9. Il-Kunsill jitlob li jkun hemm sforzi kontinwi u sostnuti biex isir aktar progress fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet kollha marbutin mal-ġlieda kontra t-theddud ibridu, fil-qafas tas-sett komuni ta' proposti għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti dwar il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO, inkluż fl-oqsma tal-għarfien tas-sitwazzjoni, il-komunikazzjoni strateġika, il-prevenzjoni u r-rispons għall-kriżijiet u t-tisħiħ tar-reżiljenza. F'dan il-kuntest, huwa jtenni l-ħtieġa li jitkompla jissaħħa id-djalogu politiku dwar il-ġlieda kontra t-theddud ibridu, kif ukoll biex ikun hemm Eżerċizzji Paralleli u Koordinati (PACE) regolari, bil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri kollha tal-UE u l-Alleati kollha tan-NATO, u jitlob li l-pjan il-ġdid dwar l-Eżerċizzji Paralleli u Koordinati jiġi ffinalizzat fil-ħin. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jitqiesu t-tagħlimiet identifikati u l-importanza li jkun hemm skambju mingħajr xkiel ta' informazzjoni b'mod inklużiv u mhux diskriminatorju.

Barra minn hekk, il-Kunsill jenfasizza l-kontributi siewja taċ-Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza għall-Ġlieda Kontra t-Theddid Ibridu f'Helsinki u jħeġġeġ il-kooperazzjoni tiegħu maċ-Ċentri ta' Eċċellenza rilevanti tan-NATO. Huwa jilqa' wkoll l-iskambji regolari u strutturati bejn il-persunal, inkluż il-kooperazzjoni bejn iċ-Ċellola ta' Fużjoni Kontra t-Theddid Ibridu taċ-Ċentru tal-Intelligence u tas-Sitwazzjonijiet tal-UE (INTCEN) u l-Ferġha tan-NATO għall-Analiżi tat-Theddid Ibridu.

10. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-isforzi tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), fit-twettiq tal-Istħarriġ dwar ir-Riskju tat-Theddid Ibridu previst fl-Azzjoni 1 tal-Qafas Konġunt biex jiġi Miġġieled it-Theddid Ibridu (2016), u jitlob li titkompla l-ħidma u li possibbilment isir rieżami tal-Istħarriġ dwar ir-Riskju tat-Theddid Ibridu sabiex jiġu indirizzati aħjar il-vulnerabbiltajiet.

Ħidma b'mod koerenti għat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu

11. Meta jkunu qed jiġu żviluppati u użati teknoloġiji ġodda u emerġenti, inkluż l-intelliġenza artifiċjali u tekniki tal-ġbir ta' data, għandhom jitqiesu b'mod xieraq opportunitajiet ġodda biex tissaħħaħ ir-reżiljenza kif ukoll il-vulnerabbiltajiet potenzjali u l-effetti kaskata fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-theddid ibridu, sabiex jitnaqqsu r-riskji ġenerali, anki fil-proċess tal-ippjanar strateġiku tal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni.

12. Il-Kunsill jinnota li attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi jistgħu jkunu parti mit-theddid ibridu u, f'dan il-kuntest, jissottolinja r-rilevanza tas-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija tal-UE.

13. Ir-relazzjoni bejn it-theddid ibridu u s-sigurtà ekonomika hija element rilevanti li għandu jitqies u li primarjament għadu responsabbiltà tal-Istati Membri.

14. Strumenti ġodda, bħall-mekkaniżmu fil-qafas tar-Regolament dwar l-Iskrinjar tal-Investimenti Diretti Barranin tal-UE, għandhom jintużaw b'mod effettiv għat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu billi jiġu pprovduti mezzi kif jiġu identifikati u indirizzati investimenti diretti barranin li x'aktarx jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku.

15. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tinkludi r-reżiljenza kontra t-theddid ibridu fil-proċess ta' valutazzjoni tal-impatt għal proposti leġislattivi futuri rilvanti, inkluż Programmi Qafas futuri għar-Riċerka u l-Innovazzjoni.

16. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' eżerċizzji regolari u diskussjonijiet ibbażati fuq ix-xenarju dwar il-ġlieda kontra t-theddid ibridu fil-livell ministerjali u f'livelli oħra, kif ukoll l-inklużjoni ta' elementi ta' theddid ibridu f'attivitajiet oħra ta' taħriġ u eżerċizzju rilevanti tal-UE fil-livelli differenti kollha, bl-appoġġ tal-Istati Membri tagħha u l-korpi rilevanti, b'mod partikolari ċ-Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza għall-Ġlieda Kontra t-Theddid Ibridu, kif ikun xieraq.

17. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza tal-passi li jmiss tal-kooperazzjoni tal-UE fit-tisħiħ tar-reżiljenza u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli jipproduċu mmappjar li jqis il-miżuri li ttieħdu s'issa u d-dokumenti rilevanti adottati b'mod komprensiv, bil-ħsieb tal-possibbiltà ta' inizjattivi ġodda.

Rabta bejn is-sigurtà interna u dik esterna

18. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, tal-protezzjoni ċivili u awtoritajiet rilevanti oħrajn għandhom ikomplu jiżviluppaw il-livell ta' tħejjija tagħhom biex jipprevjenu u jiġġieldu kontra t-theddid ibridu. Jenħtieġ li l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, kif ukoll bejn l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE fir-rabta bejn is-sigurtà interna u dik esterna, abbażi tal-mandati rispettivi tagħhom, tittejjeb u tiġi integrata b'mod kontinwu, filwaqt li jiżdiedu s-sinerġiji u tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi, inkluż permezz ta' metodi ta' ħidma orizzontali, skambju ta' informazzjoni volontarju, u taħriġ u eżerċizzji li jkopru s-setturi kollha. Għal dak il-għan, għandhom ikomplu jiġu vvalutati r-rwoli u l-kontributi ta' appoġġ tal-mekkaniżmi u tal-aġenziji rilevanti tal-UE - fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom u filwaqt li jiġu rrispettati r-restrizzjonijiet baġitarji eżistenti.

19. L-użu ta' mekkaniżmi u strumenti rilevanti tal-UE biex jiġi appoġġat ir-rispons tal-Istati Membri għal theddid transsettorjali u transkonfinali għandu jiġi elaborat aktar mill-istituzzjonijiet u mill-korpi tal-UE flimkien mal-Istati Membri, inkluż l-arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR), il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM) u ċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tagħha għal Rispons ta' Emerġenza (ERCC).

20. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-possibbiltà li l-Istati Membri jinvokaw il-Klawżola ta' Solidarjetà (Artikolu 222 tat-TFUE) biex jindirizzaw kriżi serja li tirriżulta minn attività ibrida.

Għarfien tas-sitwazzjoni u analiżi tal-intelligence

21. Jenħtieġ li l-kooperazzjoni tal-UE dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu tkun iggwidata minn valutazzjoni tat-theddid li tiġi aġġornata regolarment u minn għarfien komprensiv tas-sitwazzjoni. Dawn jenħtieġ li jiġu żviluppati mill-INTCEN tal-UE u miċ-Ċellola ta' Fużjoni Kontra t-Theddid Ibridu tagħha biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-UE u tal-Istati Membri tagħha biex jidentifikaw, jipprevjenu, ifixxlu u jirrispondu għal attivitajiet ibridi filwaqt li jirrispettaw il-kompetenza tal-Istati Membri. Il-Kunsill iqis li l-ħidma taċ-Ċellola ta' Fużjoni Kontra t-Theddid Ibridu tal-UE għandha tkompli tissaħħa, filwaqt li jitqies livell xieraq ta' riżorsi, inkluż għarfien espert professjonali.

22. Il-Kunsill ifakkar fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar il-Ġlieda Kontra t-Theddid Ibridu tad-19 ta' April 2016, fejn talab li jiġu mobilizzati strumenti tal-UE biex jiġi evitat u miġġieled it-theddid ibridu fil-konfront tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha u s-sħab. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li jiġu żviluppati aktar il-funzjonijiet eżistenti tal-għarfien tas-sitwazzjoni tal-Istati Membri u tal-UE, filwaqt li jitqiesu s-sorsi ta' theddid, u li jsir użu aħjar tal-analiżi tal-intelligence tal-INTCEN tal-UE u taċ-Ċellola ta' Fużjoni Kontra t-Theddid Ibridu tagħha, b'mod partikolari fil-proċessi tat-tfassil tal-politika u tal-immaniġġar tal-kriżijiet tal-UE fil-ġlieda kontra t-theddid ibridu.

23. Il-Kunsall jirrikonoxxi l-kontribut rilevanti li l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK jistgħu jipprovdu, fejn u kif ikun xieraq, fl-identifikazzjoni u fl-analiżi ta' indikaturi tal-possibbiltà ta' azzjonijiet ibridi ta' partijiet terzi, inkluż diżinformazzjoni mmirata biex tiskredita u xxekkel l-azzjoni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, u jirrikonoxxi l-valur li tiġi esplorata aktar il-possibbiltà li dan il-kontribut jiġi żviluppat.

Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika

24. Il-ħarsien tal-infrastrutturi kritiċi nazzjonali u Ewropej, kif ukoll tal-funzjonijiet u s-servizzi kritiċi għall-funzjonament tajjeb tal-Istat, l-ekonomija u s-soċjetà, huwa prijorità ewlenija, inkluż fil-kuntest tat-tisħiħ tar-reżiljenza għat-theddid ibridu, li jirrikjedi approċċ ta' gvern sħiħ u ta' soċjetà sħiħa. Jenħtieġ li din il-ħidma tqis l-interdipendenzi qawwijin bejn il-funzjonijiet u s-servizzi kritiċi differenti, inkluż is-servizzi finanzjarji, ir-rwol ewlieni tas-settur privat, l-ambjent tas-sigurtà li qed jinbidel u r-riskji emerġenti, kemm fil-qasam fiżiku kif ukoll f'dak ċibernetiku.

25. Barra minn hekk, minbarra r-rekwiżiti legali, regolatorji u superviżorji tal-UE u dawk nazzjonali li jirregolaw ir-reżiljenza operazzjonali u l-kontinwità tal-operat, għandhom jiġu promossi arranġamenti ma' sidien fis-settur privat u operatori tal-infrastruttura u tas-servizzi sabiex jiġu żgurati l-kontinwità tas-servizzi kritiċi u l-aċċess għalihom, anki lil hinn minn forza maġġuri, billi jiġu żgurati livell aċċettabbli ta' tħejjija biex jingħata rispons għat-theddid rilevanti kollu kif ukoll flessibbiltà biex jiġu indirizzati, jittaffew u jsir irkupru minn avvenimenti ta' probabbiltà baxxa b'impatt għoli.

26. Il-Kunsill jenfasizza li filwaqt li r-responsabbiltà għall-ħarsien tal-infrastruttura kritika primarjament hija kwistjoni ta' kompetenza nazzjonali, il-livell għoli ta' interdipendenzi transfruntiera u transsettorjali jirrikjedu sforzi kkoordinati jew, fejn ikun meħtieġ, armonizzati fil-livell tal-UE, inkluż bil-ħsieb tal-funzjonament mingħajr interruzzjoni tas-suq intern.

27. Wara l-evalwazzjoni ta' Lulju 2019 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva (2008/114/KE) għall-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej (ECIs), il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tikkonsulta mal-Istati Membri dwar il-possibbiltà ta' proposta għal rieżami tad-Direttiva kmieni fiċ-ċiklu leġislattiv il-ġdid, li tinkludi miżuri addizzjonali potenzjali biex jissaħħu l-ħarsien u r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika fl-UE, filwaqt li tqis l-interdipendenzi qawwijin bejn il-funzjonijiet u s-servizzi kritiċi.

28. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tkompli tinvolvi ruħha mal-Istati Membri u, fejn ikun xieraq, tiżviluppa arranġamenti ta' kooperazzjoni mhux vinkolanti bejn l-Istati Membri li jaqsmu infrastrutturi kritiċi konnessi.

29. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza tad-Direttiva dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni (id-Direttiva NIS) għall-iżvilupp ta' kultura ta' mmaniġġar tar-riskji u ta' sigurtà mill-operaturi fis-setturi kritiċi, kif ukoll għall-kapaċitajiet u l-istrateġiji nazzjonali biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni fit-territorju tagħhom, inkluż fil-kuntest ta' theddid ibridu. Il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) ikomplu jiżviluppaw il-kooperazzjoni tagħhom abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar Rispons Koordinat għal Inċidenti u Kriżijiet taċ-Ċibersigurtà fuq Skala Kbira (Pjan ta' Azzjoni) fil-livelli rilevanti kollha.

Il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-iżgurar ta' elezzjonijiet liberi u ġusti

30. Il-Kunsill jilqa' r-Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Kontra d-Diżinformazzjoni u jirrikonoxxi li l-implimentazzjoni kontinwa tal-Pjan ta' Azzjoni għadha tinsab fil-qalba tal-isforzi tal-UE. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li l-Pjan ta' Azzjoni jiġi rieżaminat b'mod regolari u aġġornat meta jkun meħtieġ sabiex jiġi żgurat approċċ effiċjenti fit-tul.

31. Il-Kunsill jissottolinja li l-ħidma tad-Diviżjoni tal-Komunikazzjoni Strateġika tas-SEAE u b'mod partikolari t-tliet Task Forces (Lvant, Balkani tal-Punent, Nofsinhar), jenħtieġ li tiġi appoġġata b'biżżejjed riżorsi biex ikunu possibbli ppjanar, implimentazzjoni u evalwazzjoni fit-tul. Fost il-kompiti tagħhom, it-tliet Task Forces għandhom ikunu kapaċi jidentifikaw, janalizzaw u jisfidaw b'mod kontinwu l-attivitajiet ta' diżinformazzjoni ta' atturi statali barranin u atturi mhux statali esterni. It-Task Forces għandhom ikomplu jikkontribwixxu għal komunikazzjoni effettiva u pożittiva bbażata fuq il-fatti u għall-promozzjoni tal-prinċipji, il-valuri u l-politiki tal-Unjoni fil-viċinati tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-UE u fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll għat-tisħiħ tal-ambjent medjatiku ġenerali u tas-soċjetà ċivili fir-reġjuni korrispondenti tagħhom. Il-Kunsill jistieden lis-SEAE jivvaluta l-ħtiġijiet u l-possibbiltajiet biex isahha il-ħidma tal-komunikazzjoni strateġika tiegħu f'żoni ġeografiċi oħra, bħall-Afrika sub-Saħarjana, filwaqt li jżomm il-kapaċità meħtieġa biex iwettaq il-kompiti eżistenti tal-komunikazzjoni strateġika.

32. Il-Kunsill jirrikonoxxi li huwa meħtieġ approċċ komprensiv fil-livelli kollha biex jiġu indirizzati l-isfidi tad-diżinformazzjoni, inkluż interferenza li tfittex li xxekkel elezzjonijiet liberi u ġusti Ewropej, li juża bl-aħjar mod l-għodod kollha disponibbli online u offline. Dan irid jinkludi l-monitoraġġ u l-analiżi tad-diżinformazzjoni u l-interferenza manipulattiva, l-infurzar tar-regoli Ewropej dwar il-protezzjoni tad-data, l-applikazzjoni ta' salvagwardji elettorali, sforzi biex tissaħħa il-media pluralistika, ġurnaliżmu professjonali u litteriżmu fil-media, kif ukoll għarfien fost iċ-ċittadini. Il-Kunsill jirrakkomanda l-konsolidazzjoni ulterjuri ta' netwerk trans-Ewropew indipendenti u attiv ta' verifikaturi tal-fatti u riċerkaturi kontra d-diżinformazzjoni. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza tas-soċjetà ċivili, tal-akkademja u tas-setturi privat u r-rwol li dawn għandhom biex tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni u tissaħħa ir-reżiljenza.

33. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-potenzjal tas-Sistema ta' Twissija Bikrija (STB) fir-rigward tal-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, b'mod partikolari dwar l-interferenza fl-elezzjonijiet. Huwa jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lis-SEAE, flimkien mal-Istati Membri, jiżviluppaw aktar is-STB lejn pjattaforma komprensiva biex l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE jsaħħu l-kooperazzjoni, il-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni, bħal riċerka u għarfien analitiku, l-aħjar prattiki, u prodotti ta' komunikazzjoni, biex jagħtu sostenn għall-indirizzar tal-kampanji ta' diżinformazzjoni bħala parti minn firxa ta' sforzi Ewropej u nazzjonali.

34. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-utilità tal-miżuri u r-rakkomandazzjonijiet li ġew ippreżentati mill-Kummissjoni fit-12 ta' Settembru 2018 fil-pakkett tagħha għall-elezzjonijiet għall-iżgurar tal-elezzjonijiet Ewropej. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jeżaminaw il-possibbiltajiet li jitkomplew l-attivitajiet tan-netwerks Ewropej ta' kooperazzjoni fuq l-elezzjonijiet biex jiġi appoġġat l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi li saru mill-Kummissjoni biex tinvolvi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha u biex tappoġġa firxa wiesgħa ta' miżuri, bħall-eżerċizzju dwar iċ-ċibersigurtà tal-Elezzjonijiet Ewropej (EU ELEx19), filwaqt li tqis il-kompetenzi nazzjonali f'dan il-qasam.

35. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa li tkompli l-ħidma mal-pjattaformi tal-media soċjali biex jinkisbu standards oġhla ta' responsabbiltà, trasparenza u obbligu ta' rendikont dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni. Barra minn hekk, għandu jingħata aċċess mingħajr xkiel għal data anonimizzata minn fornituri tal-pjattaformi tal-media soċjali għal riċerka akkademika għall-faċilitazzjoni ta' politiki bbażati fuq l-evidenza. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta inizzjattivi dwar il-passi li jmiss biex tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni fuq il-pjattaformi online. Dawn l-inizzjattivi għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni, li għandu jqis il-ħidma u r-rapporti analitiċi li twettqu mill-akkademja u mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ir-rapport ta' monitoraġġ dwar il-Kodiċi mill-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, kif ukoll it-tagħlimiet miksuba mill-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew f'Mejju 2019. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra modi, inkluż il-possibbiltà ta' mekkaniżmi ta' infurzar għal pjattaformi online, kif tkompli tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika, b'mod partikolari bl-inklużjoni ta' valutazzjoni indipendenti tal-konformità tal-firmatarji mal-impenji tagħhom.

Sigurtà tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE

36. Is-sigurtà tal-persunal, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE kontra t-theddid ibridi, u attivitajiet malizzjużi oħrajn, hija interess kondiviż mill-UE u l-Istati Membri tagħha. Il-Kunsill jappella lill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, appoġġati mill-Istati Membri, biex jiżguraw il-kapaċità tal-Unjoni li tipproteġi l-integrità tagħha u ssaħħa is-sigurtà tan-netwerks tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u l-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE minn kull tip ta' attività malizzjuża, abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tat-theddid. Għal dan il-għan, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji, appoġġati mill-Istati Membri, għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw sett komprensiv ta' miżuri biex jiżguraw is-sigurtà tagħhom, f'konformità mal-mandat tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2019. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li tiġi żgurata l-interoperabbiltà tal-infrastruttura tal-IT tal-UE għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata bejn l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-aġenziji, u l-Istati Membri tal-UE.
